*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 36**

**It-Tlieta 19 t'April 2022.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI:**
Ryan Portelli- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**36.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon skuzata u l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli huwa assenti.

**36.2.1** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 34 li saret Nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu 2022:</u>***

Ma kienx hemm emendi.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**36.2.2** ***<u>Matters Arising tal-laqgħa 35 li saret Nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu 2022.</u>***

**36.2.2.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 3 artiklu 35.2.2.2 jekk hemmx xi zvilupp rigward il-parkeġġ ta taħt l-iskola San Ġwakkin.

Is-Sindku qal illi kien hemm xi tip ta progress peress li kien hemm l-elezzjoni ġenerali u nbidlu d-dekasteri u issa l-PA giet taħt il-Ministru Stephan Zrinzo Azzopardi u s-Sindku qal illi hu kkomunika miegħu immedjatament.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk issa għadiex taħt is-Segretarju Permanenti jew ġietx taħt il-kompetenza tal-Ministru.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-problema kienet li l-education talbu xi sanction letter biex issiru xi arranġamenti fil-garaxx u peres illi kien hemm il-PA imdaħħla għalhekk hu kellem lill Ministru li għandu l-PA taħtu u kkopja l-Ministru tal-Kunsilli, dak ta' l-edukazzjoni kif ukoll is-Segretarju Parlamentari ukoll biex b'hekk kulħadd ikun jaf x'inhu għaddej. Huwa kompla jgħid li fi zmien ġurnata kellu risposta. Huwa vverifika jekk kienx minnu li l-problema kienet taqa taħt il-PA u jekk intalbitx xi sanction letter biex b'hekk inkunu nistgħu nmexxu.

**36.2.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 4 artiklu 35.2.2.7 rigward il-komunikazzjoni tat-telefon tal-Kunsill għaliex qed jirċievi ħafna ilmenti ta' nies li mhumiex jaqbdu fuq il-linji.

Is-Sindku qal illi bħalissa għaddejin b'arranġamenti kemm mal-GO kif ukoll mall-Comsec għaliex kien hemm xi ftit intoppi li qed naħdmu fuqhom.

**36.2.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 35.2.2.11 qal illi x-xogħol mixjin il-wiring inbidel ħafna minnu u l-fanali twaħħlu ukoll.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tneħħew il-fanali min wara l-Kunsill li kienu spiċċaw għal kollox.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi rigward il-globi fi Triq Santa Tereza ser isir tip ta' dawl għoli tlett metri u jikkumplimentaw il-biċċa ta' wara l-Kunsill.

**36.2.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camlleri tkellem fuq paġna 5 artiklu 35.2.2.15 fejn qal illi s-Sindku kien ta indikazzjoni li ser isir xi film fil-Lokalita' ta' Marsaskala u taw donazzjoni ta Eur1,500.

Is-Sindku qal illi dawk intuzaw għal kunċert. Id-Direttur tal-film għamel uzu mill-binja tal-Eks Jerma u dan dejjem bil-permess tas-sidien.

**36.2.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jek jiġina ċ-ċans darb'oħra li jkollna donazzjoni, bħalissa hawn il-*football club* qed jipprovaw jgħamlu proġett biex it-tfal ikunu jistgħu jaraw videos tagħhom jilgħabu u jekk insibu min jista jagħti ftit għajnuna ikun tajjeb inzommuhom f'moħna.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk ilkollna opportunita' oħra ma jsib l-ebda problema li jitlob li issir donazzjoni għan-*nursery* tal-*football.*

**36.2.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 7 artiklu 35.3.5 jekk kienx hemm xi zvilupp fuq il-*Malta International Fireworks Festival*.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi meta tkellimna l-aħħar konna qed nitkellmu fuq xi ħaġa li ma kellnix bizzejjed informazzjoni dwarha. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din hija kompetizzjoni u n-nies iridu jkunu viċin ħafna biex jaraw dan l-ispettaklu u meta hu ltaqa mar-rapprezentanti ta' dan l-event ħadhom kemm fil-Bajja San Tumas kif ukoll fil-bokka ta bejn l-Ex Jerma u Zonqor.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-area ta bejn l-ex Jerma u z-Zonqor għoġobhom mill-ewwel u hemm 417 l-metru li jkopri spazzju bizzejjed biex isir l-avveniment, hu qal illi għalkemm huma qablu li jsir hemm, jaf ikun hemm problema ta' loġistika jekk ikun il-maltemp. Għalkemm qbilna irridu nistennew l-approvazzjoni min naħa tal-ERA u dan issa ser isir fis-26 t'April 2022 u mhux fit-23 t'April 2022 kif kien previst u skond kif ra fuq il-promozzjoni ta dan l-avveniment dan ser jibda fl-8.45pm pero tajjeb niċċekjaw sew.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dakinhar ser ikun hemm ukoll is-sezzjoni tal-Friends of Marsaskala fejn ser juru kif jintuza id-*defibrilator*.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk l-ERA ma tgħatix l-approvazzjoni ikollna naraw opzjoni oħra għaliex l-għan hu wieħed li jgawdu ħafna nies min dan l-ispettaklu.

**36.2.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 5 artiklu 35.3.2

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi tkellem mall-Avukat qabel is-seduta tal-Kunsill fejn infurmah illi s-seduta ta l-appell ser issir fl-ewwel ta' Ġunju u ma hemmx bzonn li jitla rapprezentant tal-Kunsill għaliex dawn huma l-affarijiet li diġa iddiskutejna fil-laqgħa u bazikament id-deċizzjoni jek ma titiħidx dakinhar stess sa Lulju ser tkun deċiza izda jekk hemm xi ħadd li jxitieq jattendi għas seduta jista jagħmel dan, l-Avukat qalilna li aħna ma nisgħux nipparteċipaw.

**36.2.7** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 9 artiklu 35.7.1 fejn qal illi hu ma setax jattendi dan il-meeting rigward Triq San Gorg ftit l-isfel mil-Aquatic Waterpolo Club ħdejn id-dar il-ħamra.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi taw il-proposta tagħhom li jsir min tal-inqas 12-il metru ċint tal-konkos u hu qalilhom li ma jaqbilx u issa ser jitkellmu mal-ERA allura jew isiru blokok tal-konkos jew tshape concrete bix meta jiġi l-mewġ jitmewwet pero kif qalulu dawn ma jkunux mwaħħlin mal-qiegħ għalhekk jistgħu jiċaqalqu ftit mal-mewġ pero huma lesti li jiddiskutumall-ERA u jikkuntentaw lill kulħadd speċjalment dawk ir-residenti tal-faċċata. Is-Sindku qal kellu kuntatt mal Għaqda baħħara sajjieda u dilettanti li jixtiequ li jitranġalhom parti min quddiem l-iskal għalhekk hu għadda dan il-messaġġ ukoll u jidher li dan ix-xogħol ser isir ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi iddispjaċih ħafna li ma kienx prezenti għaliex iħoss li qed jipprovaw isibu way out għaliex soluzzjoni hemm.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb li jekk għandu soluzzjoni oħra l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jkellem lill Perit dirett.

Il-Kunsill is-Sur John B Camilleri qal illi ser jibgħat lill Perit Bonello.

**36.2.8** Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 artiklu 35.2.2.9 rigward l-arblu u ser naraw mall-Periti jekk tistgħax isir struttura tal-ħadid.

**36.2.9** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq l-avveniment li ġie organizzat tal-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira mis-Soċjeta Muzikali Sant'Anna u sar kunċert li kien tajjeb ħafna fejn ġie jiswa €4000 fejn €2000 ser jingħataw mir-Reġjun Nofsinhar, €1,500 irnexxilna nġibuhom bħala donazzjoni mill-kumpanija tal-films u l-Kunsill b'hekk ser joħroġ total ta €500 u kien hemm armat sabiħ immens grazzi għal Ghaqda tal-Armar. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għas-sena id-dieħla jixtieq li jitwaħħlu tmien arblu fil-korsija li tgħati għal knisja u dawn ikunu jistgħu jintuzaw f'dan il-kaz biex isiru slaleb, fiz-zmien il-festa jitwaħħlu bandalori , fil-Milied inkunu nistgħu ngħamlu tizjin tajjeb ħafna fi Ġnien Sant Anna u ma jkollnix għalfejn nagħmlu Christmas Village peres illi qed isir wieħed fil-family park u għalhekk il-Kunsill jiffoka aktar fuq tizjin u għalhekk iħoss li dawn it-tmien arbli ser iservu tajjeb ħafna għal kull avveniment ta matul is-sena. Dawn l-arbli huma tal-fibre għalhekk m'għandhomx bzonn maintenance. Is-Sindku qal illi dawn ikunu hemm permanenti hu huma għoljin sitt metri u jekk naqblu t-twaħħil ser isir min naħa tal-Għaqda Armar.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa lis-Sindku għaliex ma fehmx fejn semma l-park tal-familja.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu qal illi la darba qed isir Christmas Village fil-park tal-familja ma jarax li għandu jsir ieħor fil-Ġnien Sant Anna, kompla jgħid li jistgħa jizzejjen b'xi maxtura jew xi ħaġa ta' dan it-tip mingħajr ma noqgħodu nikru l-istalls.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Christmas Village li jsir fil-park tal-familja jilħaq aktar nies li jmorru għalih bil-karozza.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ma tgħamillux differenza pero tajjeb nbiddlu ftit l-affarijiet jew anke jsir kunċert anke għaliex ir-Reġjun Nofsinhar qed jgħinha ħafna u jekk napplikaw għal ċertu fondi għal xi ħaġa li mhux tas-soltu anke fejn jidħol dwal sbieħ tal-Milied fejn hu jaf li l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ikollu ħafna idejat sbiħ pero tajjeb niddiskutuha aktar l-quddiem.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jixtieq li jgħamel outlet li jkun permanenti sabiex meta jkollna l-istalls li jkollhom bzonn id-dawl ma jkollnix għalfejn noqgħodu napplikaw għal dak temporanju.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi xi ħaġa oħra li jixtieq li ssir fil-Lokalita' tagħna li ra f'lokalitajiet oħra hi l-muzika tal-Milied li tinstemma mal-Lokal permess ta' speakers imdawrin mal-Lokal.

Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa kemm hi l-ispiza tal-arbli.

Is-Sindku qal l-ispiza hi ta' madwar €3304.00.

Kien hemm qbil unanimu.

**36.2.10** Is-Sindku tkellem fuq 35.3.4 fuq l-attivita' aqra miegħi li qed issir ġewwa l-Kunsill li mixja tajjeb ħafna.

**36.2.11** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq il-ġemellaġġ li għandna maċ-Ċina u nfurma lill-Kunsill illi kien hemm bzonn ta dokument iffirmat fejn dan kien mibgħuta illum stress.

**36.2.12** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi rigward it-taraġ tal-fajtata l-persuna li kienet qed taħdem fuqu weġġgħa pero fi zmien ħmistax ser ikompli jaħdem fuqu.

**36.2.13** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi saret mawra għal knejjes varji sabiex isiru s-seba visti u Reġjun Nofsinhar ħallas il-van sabiex setgħat issir din l-attivita' għal ħamis ix-Xirka.

**36.2.14** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu tkellem mas-Sur Ramon Deguara biex itih zewġ kenniesa biex iduru l-promenade imqar darba ijwa u darba le u anke wara din ix-xita tal-ħamrija jgħatu ħasla bil-bawzer.

**36.2.15** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 artiklu 35.2.2.4 rigward il-patching fi Triq La Sengle u jekk għaniex l-istimi rigward il-funtana.

Is Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi gie il-kuntrattur tal-patching u tgħana l-istima.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi għadna ma rcivejnijix u wara trid issir l-applikazjoni tal-RWP3 u wara proċess jinħareġ il-permess min TM u għalkemm nafu li f'dik it-triq ser ikun hemm sewqan eċċessiv pero l-isleeping policeman mhux qeda tajba hemm. Hu qal illi dan it-tarmac mhux ser iservi aktar min erba snin għaliex għandha bzonn tinqala mil-qieħ u mhux biss isir scarifying.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk hux ha tinqala u meta ha tinqala

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal li min naħa tal-Kunsill zgurli le.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi fi Triq Sant Anna kellna l-istess problema fejn finalment kien għamilha l-Kunsill u mnalla għax dametr snin twal biex saret mill-Gvern.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rigward il-funtana l-Kunsill ġab l-istimi kollha neċessarji u dan għaliex nafu li daqt ħierġa skema li nistgħu napplikaw għaliha jekk irridu li jsiru malajr ikollna ngħamlu dan mil-fondi tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi iridu jinbidlu l-pipijiet mill-ġdid għaliex ilha ħafna li saret pero tajjeb li nkunu lesti li jkollna ħaddiema jieħdu ħsieba kostantament ix-xogħol ser ikun sar għalxejn.

**36.2.16** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 9 artiklu 35.3.9 rigward il-maskri jekk ingħatawx min Reġjun Nofsinhar.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu diġa tkellem fuqha kien hemm ċertu persuna li għandukumpanija fil polonjali tana zewg kaxxi maskri li hu tahom lil iskola.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi għax kunbinazzjoni Reġjun xlokk kien tagħna l-maskri u hu kien qassamhom fl-iskola.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qallu li dan hu kaz differenti.

**36.2.17** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 10 artiklu 35.7.4. jekk bgħatnix il-lista kulturali fuq il-lokal

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill bgħat il-kuntatt tal-persuna lir-Reġjun u ser jikkomunikaw magħħa huma.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser ikollna persuna li ser tezebixxi l-pitturi fil-Kunsill li dan hu wieħed minnhom u informa lir-reġjun b'dan.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi aħna bgħatna l-kuntatt tas-Sinjura Elizabeth Cassar.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi kellna ngħatu l-kuntatti ta pitturi u artisti eċċ.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma kinitx dik it-talba u l-Kunsill diġa bgħat lura lir-Reġjun.

**36.3** **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

**36.3.1** **<u>Patrick Guntrip vs l-Awtorita' tal-Ippjanar (35/1475/22/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din hija l-kawza li tkellem fuqha diġa rigward il-pompa tal-petrol u kif qal diġa min hu interessat li jattendi jista jgħamel dan.

Is-Seduta l-qorti se ssir fl-1 ta' Ġunju 2022 fid-09:00.

**36.3.2 Mr Joseph Farrell (35/1499/22/O):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill kellu talba min naħa tal-Gvern Lokali sabiex jimpjega miegħu ħaddiem fejn għal bidu talba sabiex il-Kunsill iħallas il-paga tiegħu hekk kif jidher fl-emails ipprezentati quddiem il-Kunsill izda wara din il-komunikazzjoni hu irċieva li l-Kunsill mhux ser ikun qed iħallas il-paga tiegħu izda ser tinħareġ mill-Gvern Lokali għaliex mill-ewwel bgħatilhom li sabiex titħallas mill-Kunsill hemm proċedura mall-jobsplus sabiex timpjega persuna. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi tajjeb li jgħamilha ċara li dan il-persuna jekk taċettaw mhux ser ikun jaqa taħt l-ebda skema li għandna fil-prezent.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal il-Kunsill ma għamel l-ebda talba sabiex ninpjegaw l-ebda ħaddiem u ma nafux taħt liema skema ser ikun fiha pero min naħa l-oħra la l-Kunsill mhux ħa joħroġ flus ma jaħsibx li għandna għalfejn insibu oġġezzjoni u wara li qad jaħseb ftit hu tal-ideja li ngħatuh l-irwol li jdur mar-raħal u jara x'nuqqasijiet għandna fil-lokal jgħaddi din l-informazzjoni lill-Contracts Manager u hu jgħaddi ix-xogħolijiet lill-ħaddiema.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dak ix-xogħol huwa tal-Contracts Manager.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk il-Kunsilliera għandhom xi ideja x'jista jagħmel jgħidulu għax min naħa tiegħu ma jafx x'jaqbad itih, hu jħoss li dan il-persuna għandu ħafna kuntatti u jkun jista jkun ta' għajnuna.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud qalet jista jkun persuna li jaqdi lill-anzjani bil-van li ser ikollna.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għad m'għaniex il-van.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary rose Mifsud qalet illi xorta jista jgħati dan is-servizz lill-anzjani anke jekk ma jkollux dan il-van.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi mhuwiex it-tip ta xogħol addattat għal dan l-individwu.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-van ser jiġi aġġudikat f'din il-laqgħa.

Il-Kunsill qabel unaniment li naċċettaw lis-Sur Joseph Farrell la darba jaċetta l-irwol li jdur mal-Lokalita' u jara x'nuqqasijiet hemm u jirraporta mall-Contracts Manager.

**36.3.3 Talba għal reduced hours:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi s-Segretarju Ezekuttiv qed jitlob ħinijiet mnaqqsa u jħoss li hu jista jaħdem bit-teleworking għaliex fil-prezent hu ma jistax jitlef mis-servizz tiegħu għaliex hu jaf kemm jgħamel ħin miegħu fuq it-telefon f'kull ħin tal-ġuaranata meta ma jkunx prezenti fl-uffiċċju xorta waħda ix-xogħol ikun qed isir u ma jħossx li għandna naċċettaw din it-talba meta dejjem irnexxilna nmexxu bix-xgħol anke permess ta teleworking.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet illi hu għandu familja u ma tagħmilx differenza il-ħinijiet li jaħdem fihom humiex filgħodu jew filgħaxija la darba x-xogħol isir.

Il-Kunsill qabel illi s-Segretarju Ezekuttiv ma jieħux reduced hours izda jaħdem kemm mill-uffiċju u kemm permess ta' teleworking.

**36.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**36.5 Rapporti:**

**36.5.1 KLM 2022/02 Tender for the supply of a full electric van for Marsaskala Local Council:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kellna bidder peres illi l-aħħar darba li ħriġna dan it-tender ma kien tefa l-offerta tiegħu ħadd u l-offerta kienet:

Michael Attard Inports Ltd - €35876.36 minn dan l-ammont hu naqqas l-ammont ta €11,000 mill-iskema tal-Gvern u €1,000 bħala scrapage scheme.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-iskema tal-iscrapage scheme ma nistgħux nutilizawa għaliex l-van li għandna hemm bzonn li jinbidel u ser ikolna nixtru wieħed ġdid u għalhekk ser nuzaw l-iskema tal-iscrapage fuqu. Il-Kunsill rebaħ flus min skema għal dan il-van u ħa diġa persentaġġ minnha.

Il-Bord qal illi din l-offerta hija technically u administratively compliant u jista jirrakomandah għalhekk issa huwa f'idejn il-Kunsill li jaċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal tajjeb naħsbu għal charging point għaliex dan hu van tal-elettriku.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata lil Michael Attard Imports Ltd.

**36.5.2 KLM 2021/04 Tender for the supply second hand truck with open box for Marsaskala Local Council:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill ħareġ dan it-tender kemm-il darba u fuq raġunijiet differenti qatt ma rnexxielna nsibu van second hand bil-kriterji li xtaqna u għalhekk dan it-tender ser ikollna nwaqqawh u noħorġu tender għal van ġdid u mhux second hand pero dan irid joħrioġ għas-sena finanzjarja li jmiss għaliex irridu ndaħluh fil-budget u naraw kemm ser tiswina din l-ispiza u fil frattemp nittamaw li l-van li għandna jtina ftit aktar zmien.

**36.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

Ma kienx hemm items oħra.

**36.7 Korrispondenza:**

**36.7.1 SPI/SCI 3.2022 Skema dwar restawr ta' postijie/monumenti storiċi f'Malta 2022/2023 (35/1171/22/I) (35/1153/22/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi qed nisugerixxu li ngħamlu l-istatwa ta San Ġwakkin.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi nistgħu napplikaw ukoll għal statwa ta San Ġuzepp.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma tantx għandna zmien u fuq l-istatwa ta' San Ġwakkin għandna l-approvazzjoni tal-kurja pero jekk ikun hemm ċans indaħħlu ukoll l-istatwa ta' San Ġuzepp.

- **Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ħareġ mil-laqgħa fit-8:10pm.**

**36.7.2 Appell Extention Petrol Station (35/1221/22/I):**

Dan is-suġġett ġie diskuss f'artiklu 36.3.1

**36.7.3 Information Seminar M1,M2,M3 & M4:**

Dan is-suġġett huwa l-istess ta artiklu 36.7.1

**36.7.4 Għaqda Bajja San Tumas VO0311(35/1342/22/O):**



Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi talbu sleeping policeman li ser tgħaddi fil-mozzjoni aktar il-quddiem kif ukoll iridu katina biex ikunu jistgħu jgħalqu ħabba l-quddies pero l-persuna li jgħamel dan ix-xogħol weġġgħa u qed nistennew li jiġi lura u jitlesta ix-xogħol. Is-Sindku qal illi fuq l-isleeping policeman qal għandha tiġi waħda bejn iz-zewġ stabbilimenti tal-bidu ta' Bajja San Tumas għaliex qed isuqu bl-addoċċ.

Kien hemm qbil

**36.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

**36.8.1** ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier il-Perit John Schembri. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**36.9** ***Mozzjonijiet***

**36.9.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (092-11/4/22):**

*''Jipproponi li issir zebra crossing fi Triq id-Dahla ta' San Tumas qrib l-Angustini Restaurant qabel ma jsir xi inċidenti .''*

Kien hemm qbil li nibgħatu TM.

**36.9.2 Mozzjoni mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (093-13/4/22):**

*''Jipproponi li jinxtara rigal relatat mal-knisja lill zaghzugh skaliz ( Dun Jean Claude Attard)li ser jieħu l-pussess bħala saċerdot il-Katidral tal-Imdina u li fil-15 ta' Mejju ser ikun qiegħed iqaddes il-Prima Messa tiegħu fil-parroċċa tagħna''.*

Kien hemm qbil unanimu li nixtru rigal ta' bejn €80 u €100.

**36.9.3 Mozzjoni mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (094-13/4/22):**

*''Hemm bzonn ta 2 sets ta traffic calmers il-Bajja San Tumas qabel iweġġa xi ħadd. Waħda qabel l- ewwel skall u l-oħra kif taqbez Zion bar.''*

Kien hemm qbil unanimu li nqabbdu il-kuntrattur koptasin

**36.10 Tmien tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 19 t'April 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |

**Segretarju Ezekuttiv** **Sindku**